FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn 15 ta' April , 2002

**Avviz Nru:270/02 PM**

**Dingli. Co IntenantionalLimited bhala medjatrivci tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited**

**Vs**

**LJC Limited.**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' wiehed u hamsin Lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46c) rapprezentanti l-kwantu ghal erbgha w erbghin Liri Maltin u hamsa w sebghin centezmi (Lm44.75) Royalty u sitt Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm6.71c), taxxa fuq Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bill-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 9746

(Dok “A”) rilaxxjata mis-socjeta’ attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-stabbiliment Kandles Restaurant ghall-perjodu mis-6 ta’ Settembru, 2002;

Is-socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effetiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tat-30 ta’ Novembru, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt sabierx jidher ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci;

Sema li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u bl-interessi skond il-Ligi.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**